*slu għamilhom u ħsiebhom fuqu; jekk huma jagħmlu hekk qlubhom jissaffew mill-għadab u mill-ħruxija, moħħhom jiddawwal u idejhom jimteddu għall-għafsa ta' ħbiberija.*

*Kulma jeħtieġ biex in-nies iwieġbu għas-sejħa tal-Papa u jiksbu l-grazzji mwiegħda lilhom f'din is-sena hi rieda tajba; din il-bniedem biss jista' jnissilha ġewwa fih innifsu, hija ħaġa marbuta ma' ħsiebu u fehemitu, hi ħaġa persunali u l-ebda setgħa ma tista' tifformaha għall-bniedem. Mela kulħadd jeħtieġlu jitqanqal u jagħmel fehma sħiħa u jxettel rieda tajba, ġusta u retta biex tmexxi l-ħajja fit-triq tas-sewwa. Madankollu kull maħluq imissu jitlob il-għajnuna lil Marija li Hija l-għajn ta' kull għerf,* sedes sapientiae, *biex Hi ttih id-dawl u tiftaħlu għajnejh għal dak li hu sewwa u mqaddes, u hekk bil-barka Tagħha wieħed jagħraf iġib ruħu lejn ħutu skond ma jrid minnu l-Missier tagħna fis-Sema.*

*Bosta jwieġbu għas-sejħa tal-Papa b'festi, b'pellegrinaġġi u turija oħra ta' rispett għall-kelma tiegħu, iżda hu ma għandux fehma li juri kemm issarraf il-kelma tiegħu. Ix-xewqa tal-Papa hi li l-bnedmin f'din is-sena jagħtu ġieħ u qima lill-Madonna billi jfarfru minn fuqhom l-għabra tal-bruda u jqumu mixxaħxiħa tal-pjaċiri qarrieqa li qegħdin jaħkmu fid-dinja. Biex isseħħ ix-xewqa ta' Missier l-Insara jeħtieġ li dawn jagħrfu l-qagħda mwiegħra li tinsab fiha d-dinja u jagħmlu fehma sħiħa li jtejbu ħajjithom billi jżommu bħala mera ta' għamilhom, ta' ħsibijiethom u ta' xewqathom Dik l-Omm Ħelwa u Ħanina, Dik ix-Xebba l-aktar safja Marija Santissima. Mill-bnedmin jonqos jekk din is-sena ta' grazzja speċjali ma tisfax ta' ġid għad-dinja, għax jekk huma juru ġibda u ħajra biex jersqu lejn il-Madonna, Hi xxerred fuqhom il-barka Tagħha u tgħinhom biex jirbħu l-ħażen, biex jinżgħu l-libsa tal-frugħa u f'lokha jxiddu l-oħra tal-ħaqq u tas-sewwa.*

*Jekk wieħed jaqra l-istorja tad-dinja jsib li f'kull epoka saret xi ġrajja li qalbet il-ħajja tal-bnedmin u ħalliet għelm fil-milja tas-snin. Ħafna drabi kienet xrara li xegħlet b'ħeffa kbira mad-dinja kollha u qajmet nar li saffa ħajjet il-bnedmin. J'Alla din l-istedina tal-Papa biex is-sena 1954 niddedikawha lil Marija tkun xrara li tixgħel fi qlub il-bnedmin nar ta' mħabba għas-sewwa u għas-sliem, nar li jeqred minn wiċċ l-art il-biża', il-mibegħda, ir-regħba u l-għira. J'Alla din is-sena ta' Marija sseddaq lill-umanità u ġġib il-paċi tant mixtieqa fost il-ġnus!*



## MA NISTRIĦUX

*Ta'* PATRI MATTEW KAPPUĊĊIN

*(Lill-ħabib tiegħi, P. Valentin Barbara, O.P., awtur tal-poeżija "Nistrieħu ftit" f'IL-MALTI, Ġunju, 1953, paġ. 36)*

Bħalek demmi nħoss kiesaħ
U bija l-art iddur,
Il-ħajja trid tgħaffiġni,
Bħalek!... bħalek maħqur...!!
Iżda jekk ngħixu fl-għana,
Fit-trab, għid, min jitfagħna?
Għalkemm it-triq li mxejna
Imħarbta, mwiegħra wisq,
Għalkemm ix-xemx ħaqritna
U mkien ma sibna riżq;
Xi faraġ joqrob lejna
Maż-żmien, u jbus ħaddejna.
Jekk hawn min stagħġeb bina,
Ra l-ħidma w baqa' għaddej
Imbissem, u maqdarna,
Tqisux... għax mhux għannej.
Tbissima ta' tmaqdira
Għax twaqqa' 'l qalbna lsira?
Ħabib, tibżax mill-għaja,
Mid-daħk u mit-tmaqdir,
Nimxu... jekk nieqfu, nonqsu
Mill-ogħla w l-eqdes dmir,
Għax Alla mmutu jridna
Poeti t'art twelidna.
Ħabib, nerġa' ntennilek:
Aħjar ma nistriħux,
Inkomplu l-mixja twila,
Ħabib, ma nitnikkrux.
Jekk l-għaja waqgħet fuqek
Tibżax, hawn jien insuqek.
Ħabib, ngħidlek is-sewwa,
Aħjar ma nistriħux,
Għalkemm it-tnejn għajjiena,
It-tnejn ma nifilħux;
Ikollna żmien nistrieħu
Meta fl-għana nixjieħu.